ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testijiet oriġinali NU/KEE biss għandhom effett legali skont il-liġi pubblika internazzjonali. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq:

http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html

Ir-Regolament Nru 34 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-prevenzjoni ta' riskji ta' nirien [2016/1428]

Jinkorpora t-test validu kollu sa:

Suppliment 1 għas-serje ta' emendi 03 — Data tad-dħul fis-seħħ 8 ta' Ottubru 2016

WERREJ

REGOLAMENT

1. Kamp ta' applikazzjoni

2. Applikazzjoni għall-approvazzjoni

3. Approvazzjoni

Parti I – Approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tat-tankijiet tal-fjuwil tagħhom

4. Definizzjonijiet

5. Rekwiżiti għat-tankijiet tal-fjuwil likwidu

6. Testijiet tat-tankijiet tal-fjuwil likwidu

Parti II-1 — Approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskji ta' nirien fil-każ ta' kolliżjoni

Parti II-2 — Approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskji ta' nirien fil-każ ta' kolliżjoni

7. Definizzjonijiet

8. Rekwiżiti għall-installazzjoni tat-tankijiet tal-fjuwil likwidu

9. Testijiet fuq il-vettura

Parti III — Approvazzjoni tat-tankijiet tal-fjuwil likwidu bħala unitajiet tekniċi separati

10. Definizzjonijiet

11. Rekwiżiti għat-tankijiet tal-fjuwil likwidu

Parti IV — Approvazzjoni ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni ta' tank approvat

12. Definizzjonijiet

13. Rekwiżiti għall-installazzjoni tat-tankijiet tal-fjuwil likwidu

14. Modifiki tat-tip ta' vettura jew tank

15. Konformità tal-produzzjoni

16. Penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni

17. Dispożizzjonijiet tranżitorji

18. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi li jwettqu t-testijiet tal-approvazzjoni u Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

ANNESSI

Anness 1 — Appendiċi 1 – Komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' approvazzjoni jew il-produzzjoni mwaqqfa definittivament ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tank għall-fjuwil likwidu u dwar il-prevenzjoni tar-riskji ta' nirien fil-każ ta' kolliżjoni frontali/laterali/fuq wara u għal tip ta' tank għal fjuwil likwidu skont ir-Regolament Nru 34

Appendiċi 2 – Komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' approvazzjoni jew il-produzzjoni mwaqqfa definittivament ta' tank tal-fjuwil skont ir-Regolament Nru 34

Anness 2 Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

Anness 3 Test ta' kolliżjoni frontali ma' ostaklu

Anness 4 Proċedura tat-test ta' kolliżjoni fuq wara

Anness 5 Ittestjar tat-tankijiet tal-fjuwil magħmula minn materjal tal-plastik

Appendiċi 1 — Test tar-reżistenza għan-nar

Appendiċi 2 — Dimensjonijiet u dejta teknika tal-briks li jirreżistu n-nar

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dan ir-Regolament japplika:

1.1. Parti I: Għall-approvazzjoni tal-vetturi tal-kategoriji M, N u O ([1]) fir-rigward tat-tank(ijiet) għall-fjuwil likwidu.

1.2. Parti II-1: Għall-approvazzjoni tal-vetturi tal-kategoriji M, N u O approvati għall-Parti I jew IV ta' dan ir-Regolament, fuq it-talba tal-manifattur, iffittjati b'tank(ijiet) tal-fjuwil likwidu fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskji ta' nirien fil-każ ta' kolliżjoni frontali u/jew laterali kif ukoll għall-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, li għandhom massa totali permissibbli li taqbeż it-2,8 tunnellata, u l-kategoriji M_2, M_3, N_2, N_3 u O, iffittjati b'tank(ijiet) għal fjuwil likwidu, li ġew approvati għall-Parti I jew IV ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskji ta' nirien fil-każ ta' kolliżjoni fuq wara.

Parti II-2: Għall-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, li għandhom massa totali permissibbli li ma taqbiżx it-2,8 tunnelata, iffittjati b'tank(ijiet) tal-fjuwil likwidu approvati għall-Parti I jew IV ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-prevenzjoni tar-risjki ta' nirien fil-każ ta' kolliżjoni fuq wara.

1.3. Parti III: Għall-approvazzjoni tat-tankijiet għall-fjuwil likwidu bħala unitajiet tekniċi separati.

1.4. Parti IV: Għall-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-installazzjoni tat-tankijiet approvati għall-fjuwil likwidu.

2. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

2.1. Applikazzjoni għall-approvazzjoni skont il-Parti I u/jew il-Parti II ta' dan ir-Regolament.

2.1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura għal Parti I jew Parti II ta' dan ir-Regolament għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant debitament akkreditat tiegħu.

([1]) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.3, para. 2 — www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

2.1.2. Għandha tkun akkumpanjata minn tliet kopji tad-dokumenti msemmija hawn taħt u mid-dettalji li ġejjin:

2.1.2.1. Deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-oġġetti speċifikati fil-paragrafu 4.2 u/jew 7.2 għandhom jiġu speċifikati n-numri u/jew is-simboli li jidentifikaw it-tip ta' magna u t-tip ta' vettura;

2.1.2.2. Tpinġija/ijiet li turi/juru l-karatteristiċi tat-tank tal-fjuwil u li tispeċifika/jispeċifikaw il-materjal li huwa magħmul minnu;

2.1.2.3. Dijagramma tas-sistemi sħaħ tal-provvista tal-fjuwil, li juru fejn jinsab kull komponent fuq il-vettura; u

2.1.2.4. Għall-applikazzjoni skont il-Parti II ta' dan ir-Regolament, dijagramma tal-installazzjoni elettrika li turi fejn tinsab u kif inhi mwaħħla mal-vettura.

2.1.3. Dawn li ġejjin għandhom jiġu sottomessi lis-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip:

2.1.3.1. Vettura rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata jew il-partijiet tal-vettura li s-servizz tekniku jqis li huma neċessarji għat-testijiet tal-approvazzjoni;

2.1.3.2. Fil-każ ta' vettura mgħammra b'tank magħmul minn materjal tal-plastik: seba' tankijiet addizzjonali, bl-aċċessorji tagħhom;

2.1.3.3. Fil-każ ta' vettura mgħammra b'tank magħmul minn materjal ieħor: żewġ tankijiet addizzjonali, bl-aċċessorji tagħhom.

2.2. Applikazzjoni għall-approvazzjoni skont il-Parti III ta' dan ir-Regolament

2.2.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' tank għall-fjuwil likwidu skont il-Parti III ta' dan ir-Regolament għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tat-tank jew mir-rappreżentant debitament akkreditat tiegħu.

2.2.2. Għandha tkun akkumpanjata minn tliet kopji tad-dokumenti msemmija hawn taħt u mid-dettalji li ġejjin:

2.2.2.1. Deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' tank tal-fjuwil fir-rigward tal-elementi speċifikati fil-paragrafu 10.2; għandu jiġi speċifikat jekk l-applikazzjoni tapplikax għal tip ta' tank bl-aċċessorji tiegħu jew mingħajrhom u jekk tapplikax għal użu universali jew għal użu speċifiku ta' vettura. Fil-każ ta' approvazzjoni ta' tip ta' tank mingħajr l-aċċessorji tiegħu, għandha tiġi inkluża identifikazzjoni ċara tal-aċċessorji użati għat-testijiet;

2.2.2.2. Tpinġija/tpinġijiet li turi/juru l-karatteristiċi tat-tank tal-fjuwil u li tispeċifika/jispeċifikaw il-materjal li huwa magħmul minnu u, fil-każ ta' tank għal użu speċifiku ta' vettura, il-karatteristiċi tal-partijiet tal-vettura użati matul it-testijiet;

2.2.3. Dawn li ġejjin għandhom jiġu sottomessi lis-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip:

2.2.3.1. Fil-każ ta' tank magħmul minn materjal tal-plastik: seba' tankijiet, bl-aċċessorji tagħhom. Fil-każ ta' tank li għandu jiġi approvat mingħajr l-aċċessorji tiegħu, għandhom jiġu sottomessi seba' settijiet ta' aċċessorji ta' tip li normalment jitwaħħal mal-vettura.

2.2.3.2. Fil-każ ta' tank magħmul minn materjal ieħor: żewġ tankijiet, bl-aċċessorji tagħhom. Fil-każ ta' tank li għandu jiġi approvat mingħajr l-aċċessorji tiegħu, għandhom jiġu sottomessi żewġ settijiet ta' aċċessorji ta' tip li normalment jitwaħħal mal-vettura.

2.2.3.3. Fil-każ ta' tank magħmul mill-plastik għal użu speċifiku ta' vettura, għandhom jiġu sottomessi l-partijiet tal-vettura kif indikat fil-paragrafu 5.3.2 tal-Anness 5.

2.3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni skont il-Parti IV ta' dan ir-Regolament

2.3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont il-Parti IV ta' dan ir-Regolament għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant debitament akkreditat tiegħu.

2.3.2. Għandha tkun akkumpanjata minn tliet kopji tad-dokumenti msemmija hawn taħt u mid-dettalji li ġejjin:

2.3.2.1. Deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-elementi speċifikati fil-paragrafu 12.2 għandhom jiġu speċifikati n-numri u/jew is-simboli li jidentifikaw it-tip ta' magna u t-tip ta' vettura;

2.3.2.2. Dijagramma tas-sistema sħiħa tal-provvista tal-fjuwil, li turi l-post ta' kull komponent fuq il-vettura;

2.3.2.3. Listi tat-tipi kollha ta' tankijiet għall-fjuwil likwidu approvati skont il-Parti III ta' dan ir-Regolament u intenzjonati li jitwaħħlu fuq it-tip ta' vettura.

2.3.3. Dawn li ġejjin għandhom jiġu sottomessi lis-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip:

2.3.3.1. Vettura rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata;

2.3.3.2. Jekk meħtieġa, żewġ tankijiet addizzjonali bl-aċċessorji tagħhom fil-każ ta' kull tip ta' tank tal-fjuwil approvat mingħajr l-aċċessorji tiegħu.

3. APPROVAZZJONI

3.1. Approvazzjoni skont il-Parti I u/jew il-Parti II ta' dan ir-Regolament.

3.1.1. Jekk il-vettura sottomessa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tissodisfa r-rekwiżiti tal-Parti I u/jew tal-Parti II hawn taħt, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dik it-tip ta vettura.

3.1.2. Kull tip approvat għandu jingħata numru tal-approvazzjoni li l-ewwel żewġ ċifri tiegħu jikkostitwixxu n-numru tas-serje ta' emendi l-iktar riċenti inkorporati fir-Regolament fid-data tal-ħruġ tal-approvazzjoni. Parti Kontraenti tista' madankollu tassenja l-istess numru tal-approvazzjoni lil bosta tipi ta' vettura kif definit fil-paragrafu 4.2 u/jew 7.2 jekk it-tipi jkunu varjanti tal-istess mudell bażiku u sakemm kull tip jiġi ttestjat separatament u jinstab konformi mal-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

3.1.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1, l-Appendiċi 1 ta' dan ir-Regolament u permezz ta' tpinġijiet, li jagħtu l-partikolaritajiet imsemmija fil-paragrafi 2.1.2.2, 2.1.2.3 u 2.1.2.4 hawn fuq (ipprovduti mill-applikant għall-approvazzjoni) f'format mhux ikbar minn A 4 (210 × 297 mm) jew mitwija f'dak il-format u fuq skala adattata.

3.1.4. Ma' kull vettura konformi ma' tip approvat ta' vettura skont dan ir-Regolament, għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni internazzjonali, f'post speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, b'mod li jidher ħafna u li jkun aċċessibbli faċilment, li tikkonsisti fi:

3.1.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit bin-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni ([1]);

3.1.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit b'"RI", jekk il-vettura tkun approvata skont il-Parti I tar-Regolament, jew b'"RII-1" jekk il-vettura tkun approvata skont il-Partijiet I jew IV u l-Parti II-1 tar-Regolament, jew b"RII-2" jekk il-vettura hija approvata skont il-Partijiet I jew IV u l-Parti II-2 tar-Regolament, sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku previst fil-paragrafu 3.1.4.1.

3.1.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip approvat ta' vettura, skont Regolament ieħor wieħed jew iktar anness(i) mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu previst fil-paragrafu 3.1.4.1 ma hemmx għalfejn jiġi ripetut; f'każ bħal dan in-numri addizzjonali, in-numri tal-approvazzjoni u s-simboli tar-Regolamenti kollha skont liema tkun ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jinkitbu fil-kolonni vertikali fuq il-lemin tas-simbolu previst fil-paragrafu 3.1.4.1.

3.1.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma titħassarx.

([1]) In-numri li jiddistingwu l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 huma riprodotti fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev. 3 — www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

3.1.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed qrib tal-pjanċa tad-dejta tal-vettura mwaħħla mill-manifattur, jew fuqha.

3.1.8. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji tal-arranġamenti tal-marka tal-approvazzjoni.

3.2. Approvazzjoni skont il-Parti III ta' dan ir-Regolament

3.2.1. Jekk it-tank sottomess għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-Parti III hawn taħt, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dak it-tip ta' tank.

3.2.2. Kull tip approvat għandu jingħata numru tal-approvazzjoni li l-ewwel żewġ ċifri tiegħu jikkostitwixxu n-numru tas-serje ta' emendi l-iktar riċenti inkorporati fir-Regolament fid-data tal-ħruġ tal-approvazzjoni.

3.2.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' tank skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1, l-Appendiċi 2 ta' dan ir-Regolament u permezz ta' tpinġijiet, li jagħtu l-partikolaritajiet imsemmija fil-paragrafi 2.2.2.1 u 2.2.2.2 hawn fuq (ipprovduti mill-applikant għall-approvazzjoni) f'format mhux ikbar minn A 4 (210 × 297 mm) jew mitwija f'dak il-format u fuq skala adattata.

3.2.4. Ma' kull tank konformi ma' tip approvat ta' tank skont dan ir-Regolament, għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni internazzjonali, f'post speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, b'mod li jidher ħafna u li jkun aċċessibbli faċilment, li tikkonsisti fi:

3.2.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit bin-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni ([1]);

3.2.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament segwit minn "RIII", l-ittra "U" jekk it-tank ikun approvat għall-użu universali jew l-ittra "S" jekk it-tank ikun approvat għal użu speċifiku ta' vettura, l-ittra "+A" jekk it-tank ikun approvat bl-aċċessorji tiegħu jew l-ittra "#A" jekk it-tank ikun approvat mingħajr l-aċċessorji tiegħu, sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku previst fil-paragrafu 3.2.4.1.

3.2.5. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma titħassarx meta t-tank jiġi installat fil-vettura.

3.2.6. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji tal-arranġamenti tal-marka tal-approvazzjoni.

3.3. Approvazzjoni skont il-Parti IV ta' dan ir-Regolament

3.3.1. Jekk il-vettura sottomessa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tissodisfa r-rekwiżiti tal-Parti IV ta' hawn taħt, għandha tingħata l-approvazzjoni ta' dik it-tip ta' vettura.

3.3.2. Kull tip approvat għandu jingħata numru tal-approvazzjoni li l-ewwel żewġ ċifri tiegħu jikkostitwixxu n-numru tas-serje ta' emendi l-iktar riċenti inkorporati fir-Regolament fid-data tal-ħruġ tal-approvazzjoni. Parti Kontraenti tista' madankollu tassenja l-istess numru tal-approvazzjoni lil bosta tipi ta' vettura kif definit fil-paragrafu 12.2 jekk it-tipi huma varjanti tal-istess mudell bażiku u sakemm kull tip jiġi ttestjat separatament u jinstab konformi mal-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

3.3.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1, l-Appendiċi 1 ta' dan ir-Regolament u permezz ta' tpinġijiet, li jagħtu l-partikolaritajiet imsemmija fil-paragrafi 2.3.2.1, 2.3.2.2 u 2.3.2.3 hawn fuq (ipprovduti mill-applikant għall-approvazzjoni) f'format mhux ikbar minn A 4 (210 × 297 mm) jew mitwija f'dak il-format u fuq skala adattata.

3.3.4. Ma' kull vettura konformi ma' tip approvat ta' vettura skont dan ir-Regolament, għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni internazzjonali, f'post speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, b'mod li jidher ħafna u li jkun aċċessibbli faċilment, li tikkonsisti fi:

3.3.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit bin-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni ([1]);

([1]) In-numri li jiddistingwu l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 huma riprodotti fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev. 3 — www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

3.3.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit minn "RIV", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku previst fil-paragrafu 3.3.4.1.

3.3.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip approvat ta' vettura, skont Regolament ieħor wieħed jew iktar anness(i) mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu previst fil-paragrafu 3.3.4.1 ma hemmx għalfejn jiġi ripetut; f'każ bħal dan in-numri addizzjonali, in-numri tal-approvazzjoni u s-simboli tar-Regolamenti kollha skont liema tkun ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jinkitbu fil-kolonni vertikali fuq il-lemin tas-simbolu previst fil-paragrafu 3.3.4.1.

3.3.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma titħassarx.

3.3.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed qrib tal-pjanċa tad-dejta tal-vettura mwaħħla mill-manifattur, jew fuqha.

3.3.8. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji tal-arranġamenti tal-marka tal-approvazzjoni.

PARTI I – APPROVAZZJONI TAL-VETTURI FIR-RIGWARD TAT-TANKIJIET TAL-FJUWIL TAGĦHOM

4. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' din il-Parti tar-Regolament:

4.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tankijiet tal-fjuwil likwidu;

4.2. "Tip ta' vettura" tfisser vetturi li ma jkunux ivarjaw f'tali karatteristiċi essenzjali bħal:

4.2.1. Id-dežinjazzjoni tat-tip tal-manifattur;

4.2.2. Fil-vetturi tal-kategorija M_1 [1] il-pożizzjoni tat-tank(ijiet) fil-vettura sa fejn ikollha effett negattiv fuq ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.10;

4.3. "Kompartiment tal-passiġġieri" tfisser l-ispazju għall-akkomodazzjoni tal-okkupant magħluq minn saqaf, art, ħitan tal-ġenb, bibien, ħġieġ ta' barra, paratija ta' quddiem, u l-pjan tal-paratija tal-kompartiment ta' wara jew il-pjan tal-appoġġ tad-dahar tas-sit ta' wara;

4.4. "Tank" tfisser it-tank(ijiet) iddisinjat/i biex jikkontjeni/u l-fjuwil likwidu, kif definit fil-paragrafu 4.6, użat(i) primarjament għall-propulsjoni tal-vettura bl-esklużjoni tal-aċċessorji tiegħu (pajp tal-mili, jekk dan ikun element separat, toqba tal-mili, tapp, gejġ, konnessjonijiet mal-magna jew biex isir kumpens għall-pressjoni interjuri eċċessiva, eċċ;

4.5. "Kapaċità tat-tank tal-fjuwil" tfisser il-kapaċità tat-tank tal-fjuwil kif speċifikat mill-manifattur; u

4.6. "Fjuwil likwidu" tfisser fjuwil li huwa likwidu f'kundizzjonijiet normali ta' temperatura u pressjoni.

5. REKWIŻITI GĦAT-TANKIJIET TAL-FJUWIL LIKWIDU

5.1. It-tankijiet għandhom ikunu magħmula minn materjal li jirreżisti l-korrużjoni.

5.2. It-tankijiet għandhom jissodisfaw, meta jkunu mgħammra bl-aċċessorji kollha, li normalment ikunu mwaħħla magħhom, it-testijiet tat-tnixxija mwettqa skont il-paragrafu 6.1 bi pressjoni interna relattiva daqs id-doppju tas-sovrapressjoni tal-ħidma, iżda fi kwalunkwe każ mhux inqas minn sovrapressjoni ta' 30 kPa (0,3 bar).

It-tankijiet magħmula minn materjal tal-plastik jitqiesu li jissodisfaw dan ir-rekwiżit jekk ikunu ssodisfaw it-test deskritt fl-Anness 5, il-paragrafu 2.

5.3. Kwalunkwe pressjoni eċċessiva jew kwalunkwe pressjoni li teċċedi l-pressjoni tal-ħidma għandha tkun kumpensata awtomatikament minn apparat adattat (ventijiet, valvi tas-sikurezza, eċċ.).

[1] Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.3, para. 2 — www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

5.4. Il-ventijiet għandhom ikunu disinjati b'tali mod li jipprevjenu kwalunkwe riskju ta' nirien b'mod partikolari, kwalunkwe fjuwil, li jista' jnixxi meta t-tank(ijiet) ikun(u) qed jimtela/jimtlew ma għandux ikun jista' jaqa' fuq is-sistema tal-egżost għandu jiġi ddirezzjonat lejn l-art.

5.5. It-tank(ijiet) ma għandux/għandhomx ikun(u) pożizzjonat(i) fi, jew jifforma(w), superfiċe (art, ħajt, paratija) tal-kompartiment tal-passiġġier jew kompartiment ieħor li jkun integrali miegħu.

5.6. Għandha tiġi pprovduta diviżjoni li tissepara l-kompartiment tal-okkupant mit-tank(ijiet). Id-diviżjoni jista' jkun fiha l-aperturi (eż biex takkomoda l-kejbils) sakemm dawn jiġu rranġati b'tali mod li l-fjuwil ma jkunx jista' jgħaddi liberament mit-tank(ijiet) lejn il-kompartiment tal-okkupant jew kompartiment ieħor integrali miegħu, matul il-kundizzjonijiet normali tal-użu.

5.7. Kull tank għandu jitwaħħal sew u jitqiegħed b'tali mod li jiżgura li kwalunkwe tnixxija ta' fjuwil mit-tank jew l-aċċessorji tiegħu jgħaddu lejn l-art u mhux fil-kompartiment tal-okkupant, matul il-kundizzjonijiet normali tal-użu.

5.8. It-toqba tal-mili ma għandhiex tkun fil-kompartiment tal-okkupant, fil-kompartiment tal-bagalji jew fil-kompartiment tal-magna.

5.9. Il-fjuwil ma għandux jgħaddi mit-tapp tat-tank jew minn apparat ipprovdut sabiex jikkumpensa għal pressjoni eċċessiva matul l-operat previst tal-vettura. Fil-każ li l-vettura tinqaleb, jista' jkun ittollerat it-taqtir sakemm dan ma jaqbiżx it-30 g/min; dan ir-rekwiżit għandu jiġi vverifikat fit-test previst fil-paragrafu 6.2.

5.9.1. It-tapp tal-mili tal-fjuwil għandu jitwaħħal mal-pajp tal-mili.

5.9.1.1. Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.9.1 għandhom jitqiesu bħala ssodisfati jekk jittieħdu passi għall-prevenzjoni ta' emissjonijiet evaporattivi eċċessivi u għaċ-ċarċir tal-fjuwil ikkawżat minn tapp tal-mili nieqes.

Dan jista' jinkiseb bl-użu ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

5.9.1.1.1. Tapp tal-mili tal-fjuwil li jinfetaħ u jingħalaq awtomatikament, li ma jistax jitneħħa.

5.9.1.1.2. Karatteristiċi tad-disinn li jevitaw l-emissjonijiet evaporattivi eċċessivi u ċ-ċarċir tal-fjuwil fil-każ ta' tapp tal-mili nieqes,

5.9.1.1.3. Kwalunkwe mezz ieħor li jkollu l-istess effett. L-eżempji jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, tapp tal-mili marbut, tapp tal-mili bil-katina jew wieħed li juża l-istess ċavetta biex jissakkar it-tapp tal-mili u biex tinxteħel il-vettura. F'dan il-każ, iċ-ċavetta għandha tkun tista' titneħħa minn ġot-tapp tal-mili meta t-tapp ikun imsakkar biss madankollu, l-użu ta' tapp tal-mili marbut jew bil-katina waħdu mhux biżżejjed għall-vetturi l-oħra li mhumiex tal-kategoriji M_1 u N_1.

5.9.2. Is-siġill bejn it-tapp tal-mili u l-pajp tal-mili għandu jinżamm f'postu sew meta jingħalaq, it-tapp għandu jintrabat sew f'postu mas-siġill u l-pajp tal-mili.

5.10. It-tankijiet għandhom jiġu installati b'tali mod li jiġu protetti kontra l-konsegwenzi ta' kolliżjoni fuq quddiem jew fuq wara tal-vettura; ma għandux ikun hemm partijiet imqabbża 'l barra, trufijiet jaqtgħu, eċċ. qrib it-tank.

5.11. It-tank tal-fjuwil u l-partijiet tal-aċċessorji tiegħu għandhom ikunu ddisinjati u installati fil-vettura b'tali mod li jiġi evitat kwalukwe periklu li jieħu n-nar minħabba l-elettriku statiku.

Jekk meħtieġ, tiġi/jiġu pprovduta/i miżura/i għad-dissipazzjoni taċ-ċarġ madankollu, mhix meħtieġa sistema ta' dissipazzjoni taċ-ċarġ għal tankijiet tal-fjuwil iddisinjati li jikkontjenu fjuwil b'punt ta' fjammabbiltà ta' mill-inqas 55 °C, kif jissemma fil-punt 5.1 tal-formola ta' komunikazzjoni fl-Anness 1, l-Appendiċi 2. Id-determinazzjoni tal-punt ta' fjammabbiltà għandha tkun konformi mal-ISO 2719:2002.

Il-manifattur għandu juri lis-Servizz Tekniku l-miżura/i li tiggarantixxi/jiggarantixxu li dawn ir-rekwiżiti ġew issodisfati.

5.12. It-tank(ijiet) tal-fjuwil għandu/hom ikun(u) magħmul(in) minn materjal metalliku reżistenti għan-nirien jista'/jistgħu jkun(u) magħmul(in) minn materjal tal-plastik sakemm ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-Anness 5.

6. TESTIJIET TAT-TANKIJIET TAL-FJUWIL LIKWIDU

6.1. Test idrawliku

It-tank għandu jkun soġġett għal test idrawliku tal-pressjoni interna li għandu jitwettaq fuq unità iżolata kompleta bl-aċċessorji kollha tagħha. It-tank għandu jimtela kollu b'likwidu mhux fjammabbli (pereżempju bl-ilma). Wara li tinqatal-komunikazzjoni kollha ma' barra, il-pressjoni għandha tiżdied bil-mod, permezz tal-pajp li minnu l-fjuwil jidħol fil-magna, sakemm intlaħaq pressjoni interna relattiva daqs id-doppju tal-pressjoni għall-ħidma użata u fi kwalunkwe każ mhux inqas minn pressjoni eċċessiva ta' 30 kPa (0,3), li għandha tinżamm għal minuta waħda matul dan il-ħin il-qoxra tat-tank ma għandhiex tinqasam jew tnixxi; madankollu, tista' tiġi deformata b'mod permanenti.

6.2. Test tal-qlib

6.2.1. It-tank u l-aċċessorji kollha tiegħu għandhom ikunu mmuntati fuq armatura tat-test b'mod li jikkorrispondi mal-mod tal-installazzjoni fil-vettura li għaliha huwa maħsub it-tank: dan japplika wkoll għal sistemi għall-kumpens tal-pressjoni eċċessiva interna.

6.2.2. L-armatura tat-test għandha ddur fuq assi li jkunu paralleli mal-assi lonġitudinali tal-vettura.

6.2.3. It-test għandu jitwettaq bit-tank mimli sa 90 fil-mija tal-kapaċità tiegħu u kif wkoll sa 30 fil-mija tal-kapaċità tiegħu b'likwidu li ma jaqbadx b'densità u viskożità qrib dawk tal-fjuwil użat normalment (l-ilma jista' jkun aċċettat).

6.2.4. It-tank għandu jinqaleb mill-pożizzjoni installata tiegħu ta' 90° lejn il-lemin. It-tank għandu jibqa' f'din il-pożizzjoni għal mill-inqas ħames minuti. It-tank għandu mbagħad jinqaleb 90° oħra fl-istess direzzjoni. It-tank għandu jinżamm f'din il-pożizzjoni, fejn ikun kompletament ta' taħt fuq, għal mill-inqas ħames minuti oħra. It-tank għandu jinqaleb lura fil-pożizzjoni normali tiegħu. Il-liwkidu tat-test li ma jkunx mar lura mis-sistema tal-ivventjar għat-tank għandu jitbattal u jekk ħemm bżonn jerġa' jimtela. It-tank għandu jinqaleb 90° fid-direzzjoni opposta u jitħalla f'din il-pożizzjoni għal mill-anqas ħames minuti.

It-tank għandu jinqaleb 90° oħra fl-istess direzzjoni. Din il-pożizzjoni kompletament ta' taħt fuq għandha tinżamm għal mill-inqas ħames minuti. Wara t-tank għandu jinqaleb lura fil-pożizzjoni normali tiegħu.

Ir-rata ta' rotazzjoni għal kull inkrement suċċessiv ta' 90° għandha ssehħ fi kwalunkwe interval minn 1 minuta sa 3 minuti.

PARTI II-1 APPROVAZZJONI TAL-VETTURI FIR-RIGWARD TAL-PREVENZJONI TAR-RISKJI TA' NIRIEN FIL-KAŻ TA' KOLLIŻJONI

7. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' din il-Parti tar-Regolament:

7.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskji ta' nirien;

7.2. "Tip ta' vettura" tfisser vetturi li ma jkunux ivarjaw f'tali karatteristiċi essenzjali bħal:

7.2.1. L-istruttura, il-forma, id-dimensjonijiet u l-materjali (metall/plastik) tat-tank(ijiet);

7.2.2. Fil-vetturi tal-kategorija M_1 [1] il-pożizzjoni tat-tank(ijiet) fil-vettura sa fejn ikollha effett negattiv fuq ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.10;

7.2.3. Il-karatteristiċi u l-pożizzjoni tas-sistema tal-provvista tal-fjuwil (pompa, filtri, eċċ.); u

[1] Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.3, para. 2 — www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

7.2.4. Il-karatteristiċi u l-pożizzjoni tal-installazzjoni elettrika sa fejn dawn ikollhom effett fuq ir-riżultati tat-testijiet tal-kolliżjoni previsti f'dan ir-Regolament;

7.3. "Pjan trasversali" tfisser il-pjan trasversali vertikali li huwa perpendikolari għall-pjan lonġitudinali medjan tal-vettura;

7.4. "Massa meta mhux mgħobbija" tfisser il-massa tal-vettura kif taħdem, mhux okkupata u mhux mgħobbija iżda mimlija bil-fjuwil, bil-fluwidu berried, bil-lubrikanti, bl-għodod u bi stepni (jekk fornuta bħala tagħmir standard mill-manifattur tal-vettura);

8. REKWIŻITI GĦALL-INSTALLAZZJONI TAT-TANKIJIET TAL-FJUWIL LIKWIDU

8.1. Installazzjoni tal-fjuwil

8.1.1. Il-vetturi għandhom jiġu approvati skont il-Parti I jew IV ta' dan ir-Regolament.

8.1.2. Il-komponenti għall-installazzjoni tal-fjuwil għandhom ikunu protetti b'mod xieraq minn partijiet tal-qafas jew tal-karozzerija kontra l-kuntatt mal-ostakli possibbli fl-art. Din il-protezzjoni mhix meħtieġa jekk il-komponenti taħt il-vettura jkunu aktar 'il bogħod mill-art mill-parti tal-qafas jew tal-karozzerija quddiemhom.

8.1.3. Il-pajpijiet u l-partijiet l-oħrajn kollha tal-installazzjoni tal-fjuwil għandhom ikunu akkomodati fil-vettura f'postijiet protetti bl-aħjar mod possibbli. Il-movimenti ta' liwi u tagħwiġ, u vibrazzjonijiet tal-istruttura jew tal-unità tal-propulsjoni tal-vettura, ma għandhomx jissoġġettaw il-komponenti tal-installazzjoni tal-fjuwil għall-frizzjoni, għall-kompressjoni jew kwalunkwe stress ieħor mhux normali.

8.1.4. Il-konnessjonijiet ta' pajpijiet li jitgħawġu jew ta' pajpijiet flessibbli b'partijiet riġidi ta' komponenti tal-installazzjoni tal-fjuwil għandhom ikunu ddisinjati u mibnija b'tali mod li ma jippermettux tnixxija skont il-kundizzjonijiet varji tal-użu tal-vettura, minkejja l-movimenti ta' liwi u tagħwiġ u minkejja l-vibrazzjonijiet tal-istruttura jew tal-unità tal-propulsjoni tal-vettura.

8.1.5. Jekk it-toqba tal-mili tinsab fuq il-ġenb tal-vettura, it-tapp tal-mili ma għandux, meta jkun magħluq, jipproġetta lil hinn mis-superfiċe tal-karozzerija ħdejh.

8.2. Installazzjoni elettrika

8.2.1. Il-wajers elettriċi minbarra l-wajers akkomodati fil-komponenti li huma vojta minn ġewwa għandhom jitwaħħlu mal-istruttura tal-vettura jew mal-ħitan jew mad-diviżjonijiet qrib fejn iwasslu. Il-punti fejn jgħaddu mill-ħitan jew mid-diviżjonijiet għandhom ikunu protetti sew sabiex ma jkunx hemm qtugħ fl-iżolament.

8.2.2. L-installazzjoni elettrika għandha tkun iddisinjata, mibnija u armata b'tali mod li l-komponenti tagħha jkunu jistgħu jirreżistu l-inċidenza tal-korrużjoni li jkunu esposti għaliha.

9. TESTIJIET FUQ IL-VETTURA

Fit-test tal-impatt frontali ma' ostaklu mwettaq permezz tal-proċedura speċifikata fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament, fit-test tal-impatt laterali mwettaq permezz tal-proċedura speċifikata fl-Anness 4 tar-Regolament Nru 95, is-serje ta' emendi 01, u fit-test tal-impatt fuq wara mwettaq permezz tal-proċedura speċifikata fl-Anness 4 tiegħu,

9.1. Meta ssir il-kolliżjoni ma għandux ikun hemm aktar minn tnixxija ħafifa ta' likwidu fl-installazzjoni tal-fjuwil;

9.2. Jekk ikun hemm tnixxija kontinwa fl-installazzjoni tal-fjuwil wara l-kolliżjoni, ir-rata tat-tnixxija ma għandhiex tkun iktar minn 30 g/min; jekk il-likwidu mill-installazzjoni tal-fjuwil jitħallat ma' likwidi mis-sistemi l-oħrajn, u jekk id-diversi likwidi ma jkunux jistgħu jiġu separati u identifikati faċilment, it-tnixxija kontinwa għandha tiġi evalwata mill-fluwidi kollha miġbura;

9.3. Ma għandu jseħħ l-ebda nar li jibqa' għaddej minħabba l-fjuwil.

9.4. Matul u wara l-impatti deskritti fil-paragrafu 9 ta' hawn fuq, il-batterija għandha tinżamm f'postha permezz tal-apparat li jwaħħalha fil-post.

9.5. Fuq talba tal-manifattur, it-test tal-kolliżjoni frontali stabbilit fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament jista' jiġi sostitwit mill-proċedura tat-test deskritta fl-Anness 3 tar-Regolament Nru 94, is-serje ta' emendi 01.

PARTI II-2 APPROVAZZJONI TAL-VETTURA FIR-RIGWARD TAL-PREVENZJONI TAR-RISKJI TA' NIRIEN FIL-KAŻ TA' KOLLIŻJONI

9.6. Definizzjonijiet u rekwiżiti tat-test

9.6.1. Japplikaw il-paragrafi 7 sa 8.2.2 tal-Parti II-1.

9.6.2. It-test tal-vettura għandu jitwettaq skont il-proċeduri deskritti fl-Anness 4 ta' dan ir-Regolament.

9.6.3. Wara t-test tal-kolliżjoni, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-paragrafi 9.1 sa 9.4 tal-Parti II-1.

PARTI III — APPROVAZZJONI TAT-TANKIJIET TAL-FJUWIL LIKWIDU BĦALA UNITAJIET TEKNIĊI SEPARATI

10. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' din il-Parti tar-Regolament:

10.1. "Tank" tfisser it-tank(ijiet) ddisinjat(i) biex jikkontjeni/u l-fjuwil likwidu, kif definit fil-paragrafu 10.3, użat(i) primarjament għall-propulsjoni tal-vettura; it-tank jista' jkun approvat kemm bl-aċċessorji tiegħu kif ukoll mingħajrhom (pajp tal-mili, jekk ikun element separat, toqba tal-mili, tapp, gejġ, konnessjonijiet biex isir kumpens għall-pressjoni eċċessiva interna, eċċ.);

10.2. "Kapaċità tat-tank tal-fjuwil" tfisser il-kapaċità tat-tank tal-fjuwil kif speċifikat mill-manifattur;

10.3. "Fjuwil likwidu" tfisser fjuwil li huwa likwidu f'kundizzjonijiet normali ta' temperatura u pressjoni;

10.4. "Approvazzjoni ta' tank" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' tank tal-fjuwil likwidu;

10.5. "Tip ta' tank" tfisser tankijiet li mhumiex differenti fl-aspetti essenzjali bħal:

10.5.1. L-istruttura, il-forma, id-dimensjonijiet u l-materjali (metall/plastik) tat-tank(ijiet);

10.5.2. L-użu maħsub għat-tank: użu universali jew użu speċifiku tal-vettura;

10.5.3. Il-preżenza jew in-nuqqas tal-aċċessorji.

11. REKWIŻITI GĦAT-TANKIJIET TAL-FJUWIL LIKWIDU

11.1. Għandu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti elenkati fil-paragrafi 5.1, 5.2, 5.3, 5.9, 5.12, 6.1 u 6.2 hawn fuq, meta t-tankijiet ikunu mgħammra bl-aċċessorji li normalment ikunu mwaħħla magħhom.

11.2. F'każ li t-tankijiet għandhom jiġu approvati mingħajr l-aċċessorji tagħhom, id-dokumentazzjoni tal-manifattur għandha tidentifika b'mod ċar l-aċċessorji użati għat-test.

PARTI IV – APPROVAZZJONI TAL-VETTURI FIR-RIGWARD TAL-INSTALLAZZJONI TAT-TANK(IJIET) TAL-FJUWIL APPROVAT(I)

12. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' din il-Parti tar-Regolament:

12.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni ta' tank(ijiet) tal-fjuwil likwidu approvat(i) skont il-Parti III ta' dan ir-Regolament;

12.2. "Tip ta' vettura" tfisser vetturi li ma jkunux ivarjaw f'tali karatteristiċi essenzjali bħal:

12.2.1. Id-dežinjazzjoni tat-tip tal-manifattur;

12.2.2. Fil-vetturi tal-kategorija M_1 [1] il-pożizzjoni tat-tank(ijiet) fil-vettura sa fejn ikollha effett negattiv fuq ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.10;

13. REKWIŻITI GĦALL-INSTALLAZZJONI TAT-TANKIJIET TAL-FJUWIL LIKWIDU

13.1. Għandu jkun hemm konformità mar-rekwiżiti elenkati fil-paragrafi 5.4, 5.5, 5.6, 5.7, 5.8, 5.10 u 5.11 hawn fuq.

13.2. F'każ li t-tankijiet ikunu approvati mingħajr l-aċċessorji tagħhom, dawk l-aċċessorji użati matul it-testijiet fuq it-tankijiet u identifikati fid-dokumentazzjoni tal-manifattur skont il-paragrafu 11.2 hawn fuq, għandhom, fuq talba tal-manifattur, jiġu inklużi fl-approvazzjoni skont il-Parti IV ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu inklużi aċċessorji addizzjonali sakemm is-Servizz Tekniku jkun sodisfatt li l-vettura tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Partijiet III u IV ta' dan ir-Regolament.

14. MODIFIKI TAT-TIP TA' VETTURA JEW TANK

14.1. Kull modifika tat-tip ta' vettura jew tank għandha tiġi notifikata lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun approvat it-tip tal-vettura. L-Awtorità wara tista':

14.1.1. Tqis li l-modifiki magħmula x'aktarx li mhux se jkollhom effetti avversi apprezzabbli, u li fi kwalunkwe każ il-vettura xorta tissodisfa r-rekwiżiti; jew

14.1.2. Tirrikjedi rapport tat-test ulterjuri mis-Servizz Tekniku inkarigat li jagħmel it-testijiet.

14.2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 14.1 ta' hawn fuq, varjant tal-vettura ttestjata skont il-Parti II ta' dan ir-Regolament li l-massa meta mhux mgħobbija tagħha ma tvarjax b'iktar minn ± 20 fil-mija minn dik tal-vettura ttestjata għall-approvazzjoni ma għandux jitqies bħala modifika tat-tip ta' vettura.

14.3. L-avviż tal-konferma tal-approvazzjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni, li jispeċifika l-modifiki għandu jiġi kkomunikat permezz tal-proċedura speċifikata fil-paragrafu 3.1.3, 3.2.3 jew 3.3.3 ta' hawn fuq lill-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

15. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom jikkonformaw ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim, fl-Appendiċi 2 (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505/Rev.2), bir-rekwiżiti li ġejjin:

15.1. Kull vettura jew tank li jkollha marka ta' approvazzjoni kif previst skont dan ir-Regolament għandha tikkonforma mat-tip approvat ta' vettura u tissodisfa r-rekwiżiti tal-Partijiet rispettivi ta' hawn fuq.

15.2. Sabiex il-konformità tkun verifikata kif previst fil-paragrafu 15.1 hawn fuq, għadd suffiċjenti ta' vetturi jew tankijiet prodotti serjalment li għandhom il-marka ta' approvazzjoni meħtieġa permezz ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għal verifiki aleatorji.

15.3. Bħala regola ġenerali, il-konformità tal-vettura jew tat-tank mat-tip approvat għandha tkun ivverifikata abbażi tad-deskrizzjoni mogħtija fil-formola tal-approvazzjoni u fl-annessi tagħha madankollu, jekk ikun meħtieġ, il-vettura jew it-tank għandha/għandu tkun/ikun soġġetta/soġġett għall-verifiki previsti fil-paragrafu 6 ta' hawn fuq.

16. PENALI GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

16.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tkun irtirata jekk ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 15.1 hawn fuq jew jekk il-vettura tkun naqset milli tgħaddi mill-verifiki preskritti fil-paragrafu 9 hawn fuq.

16.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, hija għandha minnufih tgħarraf b'dan lill-Partijiet l-oħrajn għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' kopja tal-formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Annessi 1 jew 2 ta' dan ir-Regolament.

[1] Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.3, para. 2 — www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

17. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI

17.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 02, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tiċħad milli tagħti l-approvazzjoni ECE skont dan ir-Regolament kif emendat permezz tas-serje ta' emendi 02.

17.2. Sa minn 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 02, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu l-approvazzjonijiet ECE biss jekk it-tip ta' vettura li se tkun approvata tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje ta' emendi 02.

17.3. Sa 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 02 għal dan ir-Regolament, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta approvazzjoni nazzjonali tat-tip għal tip ta' vettura approvata fis-serje preċedenti ta' emendi għal dan ir-Regolament.

17.4. Minn 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 02 għal dan ir-Regolament, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jirrifjutaw l-ewwel reġistrazzjoni nazzjonali (l-ewwel dħul fis-servizz) ta' vettura li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tas-serje ta' emendi 02 għal dan ir-Regolament.

17.5. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-Suppliment 3 tas-serje ta' emendi 02, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni ECE skont dan ir-Regolament kif emendat mis-Suppliment 3 tas-serje ta' emendi 02.

17.6. Anki wara d-data tad-dħul fis-seħħ tas-Suppliment 3 tas-serje ta' emendi 02 ta' dan ir-Regolament, l-approvazzjonijiet tal-vetturi għas-supplimenti preċedenti tas-serje ta' emendi 02 għandhom jibqgħu validi u l-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jagħtu l-estensjonijiet lill-approvazzjonijiet bħal dawn u għandhom ikomplu jaċċettawhom.

17.7. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 03, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti jew tirrifjuta li taċċetta approvazzjonijiet tat-tip skont dan ir-Regolament kif emendat mis-serje ta' emendi 03.

17.8. Mill-1 ta' Settembru 2018, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu l-approvazzjonijiet tal-ECE biss jekk it-tip ta' vettura li trid tiġi approvata tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat bis-serje ta' emendi 03.

17.9. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu estensjonijiet ta' approvazzjonijiet tat-tip għal tipi eżistenti li jkunu nħarġu skont is-serje ta' emendi għal dan ir-Regolament.

17.10. Wara d-data tad-dħul fis-seħħ ukoll tas-serje ta' emendi 03 ta' dan ir-Regolament, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jaċċettaw l-approvazzjonijiet tat-tip għas-serje preċedenti ta' emendi għar-Regolament li ma humiex affettwati mis-serje ta' emendi 03.

17.11. Minkejja d-dispożizzjoniet tranżitorji hawn fuq, il-Partijiet Kontraenti li l-applikazzjoni tagħhom ta' dan ir-Regolament tidħol fis-seħħ wara d-data ta' dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi l-iktar riċenti mhumiex obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet li jkunu ngħataw f'konformità ma' xi waħda mis-serje preċedenti ta' emendi ta' dan ir-Regolament.

18. ISMIJIET U INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI LI JWETTQU T-TESTIJIET TA' APPROVAZZJONI, U TAL-AWTORITAJIET TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP


Il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi li jwettqu t-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip li jagħtu l-approvazzjoni u lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda jew l-irtirar tal-approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħrajn.

ANNESS 1

Appendiċi 1

KOMUNIKAZZJONI

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....

.....

.....

dwar (2): Approvazzjoni mogħtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni miċħuda

Approvazzjoni rtirata

Produzzjoni mwaqqfa definittivament

ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' (2): Għat-tank tal-fjuwil likwidu

Għall-prevenzjoni tar-riskji ta' nirien fil-każ ta' kolliżjoni frontali/laterali/fuq wara (2)

Skont ir-Regolament Nru 34.

Approvazzjoni Nru: ..... Estensjoni Nru: .....

1. Isem jew marka kummerċjali tal-vettura motorizzata: .....
2. Tip ta' vettura: .....
3. Isem u indirizz tal-manifattur: .....
4. Jekk applikabbli, isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....
5. Tip ta' magna: injezzjoni pożittiva/diżil (2)
6. Post tal-magna: quddiem/wara/ċentru (2)
7. Deskrizzjoni qasira tat-tank tal-fjuwil u l-fjuwil jew in-numru/i tal-approvazzjoni tat-tank tal-fjuwil approvat (2) .....

7.1. Karatteristiċi u post tat-tank tal-fjuwil: .....

7.2. Għat-tankijiet tal-fjuwil magħmula minn materjal tal-plastik, iddikjara l-materjal u l-isem jew il-marka kummerċjali: .....

7.3. Karatteristiċi tal-installazzjoni tal-fjuwil (post, konnessjonijiet, eċċ.): .....

8. Deskrizzjoni tal-installazzjoni elettrika (rabta fil-post, protezzjoni, eċċ.): .....
9. Deskrizzjoni tat-testijiet tal-impatt: .....

Frontali (Tip/Numru tal-approvazzjoni jew tar-rapport): .....

Ġenb (Tip/Numru tal-approvazzjoni jew tar-rapport): .....

Wara (Tip/Numru tal-approvazzjoni jew tar-rapport): .....

10. Il-vettura ġiet sottomessa għall-approvazzjoni fi: .....
11. Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....
12. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-Servizz: .....
13. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-Servizz: .....

14. Approvazzjoni mogħtija/estiża/miċħuda/irtirata ([2])

15. Pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-vettura: .....

16. Post: .....

17. Data: .....

18. Firma: .....

19. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom fuqhom in-numru tal-approvazzjoni muri hawn fuq, huma annessi ma' din il-komunikazzjoni: .....

Tpinġijiet u disinni tal-pożizzjoni tat-tank tal-fjuwil, l-installazzjoni tal-fjuwil, l-installazzjoni elettrika u komponenti oħrajn ta' importanza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.


([1]) Numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/ċaħad/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).

([2]) Aqta' barra dak li ma japplikax.

Appendiċi 2

KOMUNIKAZZJONI

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....

.....

.....

dwar (2): Approvazzjoni mogħtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni miċħuda

Approvazzjoni rtirata

Produzzjoni mwaqqfa definittivament

ta' tip ta' tank tal-fjuwil skont ir-Regolament Nru 34.

Approvazzjoni Nru: ..... Estensjoni Nru: .....

1. Isem jew marka kummerċjali tat-tank tal-fjuwil: .....
2. Isem tal-manifattur għat-tip ta' tank tal-fjuwil: .....
3. Isem u indirizz tal-manifattur: .....
4. Jekk applikabbli, isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....
5. Deskrizzjoni qasira tat-tank tal-fjuwil u l-fjuwil tal-installazzjoni li taghti l-fjuwil: .....

5.1. Karatteristiċi tat-tank tal-fjuwil u tal-fjuwil: .....

5.2. Għat-tankijiet tal-fjuwil magħmula minn materjal tal-plastik, iddikjara l-materjal u l-isem jew il-marka kummerċjali: .....

6. Sottomess għall-approvazzjoni fi: .....
7. Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....
8. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-Servizz: .....
9. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-Servizz: .....
10. Raġuni(jiet) għall-estensjoni (jekk applikabbli): .....
11. Approvazzjoni mogħtija/estiża/miċħuda/irtirata (2)
12. Pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq it-tank tal-fjuwil: .....
13. Post: .....
14. Data: .....
15. Firma: .....
16. L-indiċi għall-pakkett tal-informazzjoni rreġistrat għand l-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip, li jista' jinkiseb fuq talba, jinsab mehmuż.

---

(1) Numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/ċaħad/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).


(2) Aqta' barra dak li ma japplikax.

ANNESS 2

ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI

MUDELL A

(Ara l-paragrafu 3.1.4 ta' dan ir-Regolament)




a = minimu ta' 8 mm

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla fuq vettura turi li t-tip konċernat ġie approvat fin-Netherlands (E4) skont il-Parti I tar-Regolament Nru 34 skont l-approvazzjoni Nru 031234. L-ewwel żewġ ċifri (03) tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Nru 34 kif emendat mis-serje ta' emendi 03.


MUDELL B

(Ara l-paragrafu 3.1.5 ta' dan ir-Regolament)



a = minimu ta' 8 mm

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla fuq vettura turi li t-tip konċernat kien approvat fin-Netherlands (E4) skont ir-Regolamenti Nri 34 il-Partijiet I jew IV u II-1 u 33 (*). In-numri tal-approvazzjoni indikaw li, fid-data meta ngħataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament Nru 34 kien jinkludi s-serje ta' emendi 03 u r-Regolament Nru 33 kien għadu fil-forma oriġinali tiegħu.



a = minimu ta' 8 mm

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla fuq vettura turi li t-tip konċernat kien approvat fin-Netherlands (E4) skont ir-Regolamenti Nri 34 il-Partijiet I jew IV u II-2 u 33 (*). In-numri tal-approvazzjoni indikaw li, fid-data meta ngħataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament Nru 34 kien jinkludi s-serje ta' emendi 03 u r-Regolament Nru 33 kien għadu fil-forma oriġinali tiegħu.

(*) It-tieni numru qed jingħata sempliċement bħala eżempju.

MUDELL C

(Ara l-paragrafu 3.2.4 ta' dan ir-Regolament)



a = minimu ta' 8 mm

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla fuq tank ta' fjuwil turi li t-tip konċernat kien approvat fin-Netherlands (E4) skont il-Parti III tar-Regolament Nru 34, għall-użu universali inkluż l-aċċessorji tiegħu, skont l-approvazzjoni Nru 031234. L-ewwel żewġ ċifri (03) tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Nru 34 kif emendat mis-serje ta' emendi 03.

MUDELL D

(Ara l-paragrafu 3.3.4 ta' dan ir-Regolament)




a = minimu ta' 8 mm

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla fuq vettura turi li t-tip konċernat kien approvat fin-Netherlands (E4) skont il-Parti IV tar-Regolament Nru 34 skont l-approvazzjoni Nru 031234. L-ewwel żewġ ċifri (03) tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Nru 34 kif emendat mis-serje ta' emendi 03.

MUDELL E

(Ara l-paragrafu 3.3.5 ta' dan ir-Regolament)



a = minimu ta' 8 mm

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla fuq vettura turi li t-tip konċernat kien approvat fin-Netherlands (E4) skont ir-Regolamenti Nru 34 il-Parti IV u 33 (*). In-numri tal-approvazzjoni indikaw li, fid-data meta ngħataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament Nru 34 kien jinkludi s-serje ta' emendi 03 u r-Regolament Nru 33 kien għadu fil-forma oriġinali tiegħu.

(*) It-tieni numru qed jingħata sempliċement bħala eżempju.

ANNESS 3

TEST TA' KOLLIŻJONI FRONTALI MA' OSTAKLU

1. GĦAN U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

L-għan ta' dan it-test huwa li jissimula l-kundizzjonijiet ta' kolliżjoni frontali ma' ostaklu fiss jew minn vettura oħra li tkun ġejja mid-direzzjoni opposta.

2. INSTALLAZZJONIJIET, PROĊEDURI U STRUMENTI TAL-KEJL

2.1. Post tat-test

L-erja tat-test għandha tkun kbira biżżejjed biex takkomoda l-korsa tar-rankatura, l-ostaklu u l-installazzjonijiet tekniċi neċessarji għat-test. L-aħħar parti tal-korsa, għal mill-inqas 5 m qabel l-ostaklu, għandha tkun orizzontali, ċatta u lixxa.

2.2. Ostaklu

L-ostaklu riġidu jikkonsisti fi blokka ta' konkrit rinforzat mhux anqas minn 3 metri wiesa fuq quddiem u mhux anqas minn 1,5 m għoli. Il-barriera għandha tkun ħoxna biżżejjed li tiżen mill-inqas 70 tunnellata. Il-wiċċ ta' quddiem għandu jkun vertikali, perpendikolari mal-assi tal-korsa, u mgħotti minn strixxi tal-plajwudd ħoxnin 2 cm f'kundizzjoni tajba. L-ostaklu għandu jkun jew ankrat fl-art jew imqiegħed fl-art, jekk meħtieġ, b'apparat tal-irbit addizzjonali li jillimita ċ-ċaqliq tiegħu. Ostaklu b'karatteristiċi differenti, imma li jagħti riżultati li tal-inqas iwasslu għall-istess konklużjoni, tista' tiġi użata wkoll.

2.3. Propulsjoni tal-vettura

Fil-mument tal-kolliżjoni, il-vettura ma għandhiex tibqa' suġġetta għall-azzjoni ta' kwalunkwe apparat addizzjonali li jiddiriġiha jew jimbuttaha. Din għandha tasal sal-ostaklu fuq korsa perpendikulari mal-ħajt tal-kolliżjoni; l-ispustar massimu laterali ttollerat bejn il-linja medjana vertikali ta' quddiem tal-vettura u l-linja vertikali medjana tal-ħajt tal-kolliżjoni huwa ± 30 cm.

2.4. Stat tal-vettura

2.4.1. Il-vettura li tkun qed tiġi ttestjata għandha tkun attrezzata bil-komponenti u t-tagħmir normali kollu inkluż fil-piż tagħha wieqfa mhux mgħobbija jew tkun f'tali kundizzjoni li tissodisfa dan ir-rekwiżit sa fejn jikkonċerna l-komponenti u t-tagħmir li jaffettwaw ir-riskji ta' nirien.

2.4.2. Jekk il-vettura tinstaq permezz ta' mezzi esterni, l-installazzjoni tal-fjuwil għandha tkun mimlija sa mill-inqas 90 fil-mija tal-kapaċità tagħha bil-fjuwil jew b'likwidu li ma jaqbadx u li jkollu densità u viskożità qrib dawk tal-fjuwil użat normalment. Is-sistemi l-oħrajn kollha (tankijiet tal-fluwidu tal-brejkijiet, ir-radjatur, eċċ.) jistgħu jkunu vojta.

2.4.3. Jekk il-vettura tinstaq mill-magna tagħha stess, it-tank tal-fjuwil għandu jkun mimli sa mill-inqas 90 fil-mija. It-tankijiet l-oħrajn kollha li jżommu l-likwidu jistgħu jimtlew kompletament.

2.4.4. Jekk il-manifattur ikun irid hekk, is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet jista' jippermetti li l-istess vettura li tintuża għal testijiet previsti minn Regolamenti oħrajn (inklużi testijiet li jistgħu jaffettwaw l-istruttura tagħha) tintuża għat-testijiet previsti minn dan ir-Regolament.

2.5. Veloċità mal-kolliżjoni

Il-veloċità mal-kolliżjoni għandha tkun bejn 48,3 km/siegħa u 53,1 km/siegħa madankollu, jekk it-test ikun twettaq b'veloċità akbar mal-kolliżjoni u l-vettura tkun issodisfat il-kundizzjonijiet previsti, it-test għandu jitqies sodisfaċenti.

2.6. Strumenti tal-kejl

L-istrument użat biex tiġi rreġistrata l-veloċità msemmija fil-paragrafu 2.5 hawn fuq għandu jkollu preċiżjoni b'tolleranza ta' mhux aktar minn wieħed fil-mija.

3. METODI TA' TEST EKWIVALENTI

3.1. Huma permessi metodi ta' test ekwivalenti sakemm il-kundizzjonijiet imsemmija f'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu osservati kompletament permezz tat-test sostitut jew permezz ta' kalkolu mir-riżultati tat-test sostitut.

3.2. Jekk jintuża metodu differenti minn dak deskritt fil-paragrafu 2 hawn fuq, għandha tintwera l-ekwivalenza tiegħu.

ANNESS 4

PROĊEDURA TAT-TEST TA' KOLLIŻJONI FUQ WARA

1. GĦAN U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1.1. L-għan tat-test huwa li jissimula l-kundizzjonijiet ta' kolliżjoni fuq wara minn vettura oħra li tkun miexja.

2. INSTALLAZZJONIJIET, PROĊEDURI U STRUMENTI TAL-KEJL

2.1. Post tat-test

Iż-żona tat-test għandha tkun kbira biżżejjed biex takkommoda s-sistema ta' propulsjoni tal-impattur (ħabbat) u biex tippermetti ċaqliq wara l-kolliżjoni tal-vettura milquta u l-installazzjoni tat-tagħmir tat-test. Il-parti li fiha jseħħu l-kolliżjoni u l-ispostament tal-vettura għandha tkun orizzontali, ċatta u mhux ikkontaminata, u rappreżentattiva ta' superfiċe ta' triq normali, xotta u mhux ikkontaminata.

2.2. Impattur (ħabbat)

2.2.1. L-impattur għandu jkun tal-azzar u ta' kostruzzjoni riġida.

2.2.2. Is-superfiċe tal-impatt għandha tkun ċatta, wiesgħa mhux inqas minn 2 500 mm, u għolja 800 mm, u t-truf tagħha għandhom ikunu ttundjati b'raġġ tal-kurvatura ta' bejn 40 u 50 mm għandha tkun koperta b'saff tal-plajwudd oħxon 20 +/– 2 mm, f'kundizzjoni tajba.

2.2.3. Fil-mument tal-kolliżjoni għandhom jiġu ssodisfati dawn ir-rekwiżiti:

2.2.3.1. Is-superfiċe tal-impatt għandha tkun vertikali u perpendikolari għall-pjan lonġitudinali medjan tal-vettura milquta;

2.2.3.2. Id-direzzjoni tal-moviment tal-impattur għandha tkun sostanzjalment orizzontali u parallela għall-pjan lonġitudinali medjan tal-vettura milquta;

2.2.3.3. Id-devjazzjoni massima laterali ttollerata bejn il-linja vertikali medjana tas-superfiċe tal-impattur u l-pjan lonġitudinali medjan tal-vettura milquta għandha tkun ta' 300 mm barra minn hekk, is-superfiċe tal-impatt għandha testendi tul il-wisa' kollha tal-vettura milquta;

2.2.3.4. L-għoli mill-art tal-parti t'isfel tas-superfiċe tal-impatt għandu jkun ta' 175 ± 25 mm.

2.3. Propulsjon tal-impattur

L-impattur jista' jintrabat sew ma' karru (ostaklu mobbli) jew jifforma parti minn pendlu.

2.4. Id-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli fejn jintuża ostaklu mobbli

2.4.1. Jekk l-impattur ikun imwaħħal ma' karru (ostaklu mobbli) minn element li jirrestrinġih, dan tal-aħħar għandu jkun riġidu u ma għandux ikun jista' jiġi deformat mill-kolliżjoni; fil-mument tal-kolliżjoni l-karru għandu jkun kapaċi jiċċaqlaq liberament u ma jkunx għadu soġġett għall-azzjoni tal-apparat ta' propulsjoni.

2.4.2. Il-veloċità mal-kolliżjoni għandha tkun bejn 48 km/h u 52 km/h.

2.4.3. Il-piż aggregat (massa) tal-karru u tal-impattur għandu jkun 1 100 ± 20 kg.

2.5. Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli fejn jintuża pendlu

2.5.1. Id-distanza bejn iċ-ċentru tal-wiċċ tal-impatt u l-assi tar-rotazzjoni tal-pendlu għandha tkun mhux inqas minn 5 m.

2.5.2. L-impattur għandu jkun sospiż liberament minn dirgħajn riġidi marbuta sod mieġhu. Il-pendlu mgħammar b'dan il-mod għandu jkun sostanzjalment inkapaċi li jiġi deformat mill-kolliżjoni.

2.5.3. Il-ger li jżommu għandu jkun inkorporat fil-pendlu sabiex jipprevjeni kwalunkwe kolliżjoni sekondarja mill-impattur fuq il-vettura tat-test.

2.5.4. Fil-mument tal-kolliżjoni l-veloċità taċ-ċentru tal-perkussjoni tal-pendlu għandha tkun bejn 48 u 52 km/siegħa.

2.5.5. Il-massa mnaqqsa "m_r" fiċ-ċentru tal-perkussjoni tal-pendlu hija definita bħala funzjoni tal-massa totali "m", tad-distanza "a" ([1]) bejn iċ-ċentru tal-perkussjoni u l-assi tar-rotazzjoni, u tad-distanza "l" bejn iċ-ċentru tal-gravità u l-assi tar-rotazzjoni, permezz ta' din l-ekwazzjoni li ġejja:

$$m_r = m\ (l/a)$$

2.5.6. Il-massa mnaqqsa "m_r" għandha tkun 1 100 ± 20 kg.

2.6. Dispożizzjonijiet ġenerali marbuta mal-massa u mal-veloċità tal-impattur

Jekk it-test ikun twettaq b'veloċità tal-kolliżjoni ogħla minn dawk preskritti fil-paragrafi 2.4.2 u 2.5.4 u/jew b'massa akbar minn dawk preskritti fil-paragrafi 2.4.3 u 2.5.6, u l-vettura tkun issodisfat ir-rekwiżiti previsti, it-test għandu jitqies sodisfaċenti.

2.7. Stat tal-vettura li qed tiġi ttestjata

2.7.1. Il-vettura li tkun qed tiġi ttestjata għandha tkun attrezzata bil-komponenti u t-tagħmir normali kollu inkluż fil-piż tagħha wieqfa mhux mgħobbija jew tkun f'tali kundizzjoni li tissodisfa dan ir-rekwiżit sa fejn jikkonċerna l-komponenti u t-tagħmir li jaffettwaw ir-riskji ta' nirien.

2.7.2. It-tank tal-fjuwil għandu jkun mimli sa mill-inqas 90 fil-mija tal-kapaċità tiegħu bil-fjuwil jew b'likwidu li ma jaqbadx li għandu densità u viskożità qrib dawk tal-fjuwil użat normalment. Is-sistemi l-oħrajn kollha (tankijiet tal-fluwidu tal-brejkijiet, ir-radjatur, eċċ) jistgħu jkunu vojta.

2.7.3. Jista' jiddaħħal ger u jistgħu jkunu applikati l-brejkijiet.

2.7.4. Jekk hekk jitlob il-manifattur, għandha tkun permessa d-deroga li ġejja:

2.7.4.1. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet jista' jippermetti li l-istess vettura li tintuża għal testijiet previsti minn Regolamenti oħrajn (inklużi t-testijiet li jistgħu jaffettwaw l-istruttura tagħha) tintuża wkoll għat-testijiet previsti minn dan ir-Regolament; u

2.7.4.2. Il-vettura jista' jkollha piż tali ta' mhux aktar minn 10 fil-mija tal-piż normali mhux mgħobbi tagħha b'piżijiet addizzjonali mwaħħla sod mal-istruttura b'tali mod li dawn ma jaffettwawx l-imġiba tal-istruttura tal-kompartiment tal-passiġġieri matul it-test.

2.8. Strumenti tal-kejl

L-istrumenti użati biex jirreġistraw il-veloċità msemmija fil-paragrafi 2.4.2 u 2.5.4 hawn fuq għandhom jkollhom preċiżjoni b'tolleranza ta' mhux aktar minn wieħed fil-mija.

3. METODI TA' TEST EKWIVALENTI

3.1. Huma permessi metodi ta' test ekwivalenti sakemm il-kundizzjonijiet imsemmija f'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu osservati kompletament permezz tat-test sostitut jew permezz ta' kalkolu mir-riżultati tat-test sostitut.

3.2. Jekk jintuża metodu differenti minn dak deskritt fil-paragrafu 2 hawn fuq, għandha tintwera l-ekwivalenza tiegħu.

([1]) Wieħed ma jridx jinsa li d-distanza "a" hija daqs it-tul tal-pendlu sinkroniku li qed jiġi kkunsidrat.

ANNESS 5

ITTESTJAR TAT-TANKIJIET TAL-FJUWIL MAGĦMULA MINN MATERJAL TAL-PLASTIK

1. REŻISTENZA GĦALL-KOLLIŻJONI

1.1. It-tank għandu jimtela kollu b'taħlita ta' ilma u glikol jew b'likwidu ieħor b'punt tal-iffriżar baxx, li ma jibdilx il-karatteristiċi tal-materjal tat-tank, u mbagħad għandu jkun soġġett għal test ta' perforazzjoni.

1.2. Matul dan it-test it-temperatura fit-tank trid tkun ta' 233 K ± 2 K (– 40 °C ± 2 °C).

1.3. Għat-test għandha tintuża armatura tal-ittestjar tal-kolliżjoni bil-pendlu. Il-korp tal-kolliżjoni għandu jkun tal-azzar u jkollu forma ta' piramida b'uċuh ta' trijangolu ekwilaterali u bażi kwadra, il-quċċata u t-truf iqarbu għal raġġ ta' 3 mm. Iċ-ċentru tal-perkussjoni tal-pendlu għandu jikkoinċidi maċ-ċentru ta' gravità tal-piramida; id-distanza tiegħu mill-assi tar-rotazzjoni tal-pendlu għandha tkun ta' 1 m. Il-massa totali tal-pendlu għandha tkun ta' 15 kg. L-enerġija tal-pendlu fil-mument tal-kolliżjoni ma għandhiex tkun inqas minn 30 Nm u kemm jista' jkun qrib dak il-valur.

1.4. It-testijiet għandhom isiru f'dawk il-punti tat-tank li jitqiesu vulnerabbli għal kolliżjonijiet frontali jew fuq wara. Il-punti meqjusa bħala vulnerabbli huma dawk li l-aktar huma esposti jew li huma l-aktar dgħajfa meta wieħed iqis il-forma tat-tank jew il-mod kif inhu installat fuq il-vettura. Il-punti magħżula mil-laboratorji għandhom ikunu indikati fir-rapport tat-test.

1.5. Matul it-test, it-tank għandu jinżamm f'postu mill-armar fuq il-ġenb jew il-ġnub opposti tan-naħa tal-kolliżjoni ma għandha tirriżulta l-ebda tnixxija mit-test.

1.6. Fuq l-għażla tal-manifattur, it-testijiet kollha tal-impatt jistgħu jitwettqu fuq tank wieħed jew kull wieħed jista' jitwettaq fuq tank differenti.

2. SAĦĦA MEKKANIKA

It-tank għandu jiġi ttestjat skont il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 6.1 ta' dan ir-Regolament għat-tnixxija u għar-riġidità tal-forma. It-tank u l-aċċessorji kollha tiegħu għandhom ikunu mmuntati fuq armatura tat-test li tikkorrispondi għall-mod tal-installazzjoni fuq il-vettura li għaliha huwa maħsub it-tank jew immuntati fil-vettura nfisha jew immuntati fuq armatura tat-test magħmula minn taqsima tal-vettura. Fuq talba tal-manifattur u bi qbil mas-Servizz Tekniku t-tank jista' jiġi ttestjat mingħajr ma tintuża ebda armatura tat-test għandu jintuża ilma b'temperatura ta' 326 K (53 °C) bħala l-fluwidu tal-ittestjar u dan għandu jimla t-tank kollu. It-tank għandu jkun soġġett għal pressjoni interna relattiva daqs id-doppju tal-pressjoni ta' ħidma u fi kwalunkwe każ għal mhux inqas minn 30 kPa f'temperatura ta' 326 K ± 2 K (53 °C ± 2 °C) għal perjodu ta' ħames sigħat matul it-test, it-tank u l-aċċessorji tiegħu ma għandhomx jinqasmu jew inixxu; madankollu, tista' tiġi deformata b'mod permanenti.

3. PERMEABILITÀ TAL-FJUWIL

3.1. Il-fjuwil użat għat-test tal-permeabilità għandu jkun il-fjuwil ta' referenza speċifikat fir-Regolament Nru 83, l-Anness 9 jew fjuwil kummerċjali tal-ogħla grad jekk it-tank ikun maħsub biss għall-installazzjoni fuq vetturi b'magna ta' tqabbid bil-kompressjoni, it-tank għandu jimtela bil-fjuwil diżil.

3.2. Qabel it-test, it-tank għandu jimtela sa 50 fil-mija tal-kapaċità tiegħu bil-fjuwil tat-test u jinħażen, mingħajr ma jkun issiġillat, f'temperatura ambjentali ta' 313 K ± 2 K (40 °C ± 2 °C) sakemm it-telf ta' piż għal kull unità tal-ħin isir kostanti, iżda għal mhux aktar minn erba' ġimgħat (żmien ta' ħażna preliminari).

3.3. Wara t-tank għandu jiġi żvujtat u jerġa' jimtela sa 50 fil-mija tal-kapaċità tiegħu bil-fjuwil tat-test, u wara dan għandu jiġi ssiġillat b'mod ermetiku u jinħażen f'temperatura ta' 313 K ± 2 K (40 °C ± 2 °C). Il-pressjoni għandha tiġi aġġustata meta l-kontenut tat-tank ikun laħaq it-temperatura tat-test matul il-perjodu ta' tmien ġimgħat ta' wara t-test, għandu jiġi determinat it-telf tal-piż dovut għad-diffużjoni matul il-perjodu tat-test. Il-medja massima permissibbli tat-telf ta' fjuwil hija ta' 20 g għal kull 24 siegħa ta' ħin ta' ttestjar.

3.4. Jekk it-telf dovut għad-diffużjoni jaqbeż il-valur indikat fil-paragrafu 3.3, it-test deskritt hemm għandu jerġa' jitwettaq, fuq l-istess tank, sabiex ikun determinat it-telf bid-diffużjoni f'temperatura ta' 296 K ± 2 K (23 °C ± 2 °C) iżda għall-bqija japplikaw l-istess kundizzjonijiet. It-telf imkejjel b'dan il-mod ma għandux jaqbeż l-10 g għal kull 24 siegħa.

4. RESISTENZA GĦALL-FJUWIL

Wara t-test imsemmi fil-paragrafu 3, it-tank xorta għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

5. RESISTENZA GĦAN-NAR

It-tank għandu jkun soġġett għal dawn it-testijiet li ġejjin:

5.1. Għal żewġ minuti, it-tank, imwaħħal bħal fuq il-vettura, għandu jkun espost għall-fjammi ma għandu jkun hemm l-ebda tnixxija ta' fjuwil likwidu mit-tank.

5.2. Għandhom isiru tliet testijiet fuq tankijiet differenti mimlija bil-fjuwil kif ġej:

5.2.1. Jekk it-tank huwa ddisinjat għal installazzjoni fuq vetturi mgħammra b'magna jew b'injezzjoni pożittiva jew magna ta' tqabbid bil-kompressjoni, għandhom jitwettqu tliet testijiet b'tankijiet mimlija b'gażolina tal-ogħla grad;

5.2.2. Jekk it-tank huwa ddisinjat biss għall-installazzjoni fuq vetturi mgħammra b'magna ta' tqabbid bil-kompressjoni, għandhom jitwettqu tliet testijiet fuq tankijiet mimlija bil-fjuwil diżil;

5.2.3. Għal kull test, it-tank u l-aċċessorji tiegħu għandhom ikunu installati fuq armatura tal-ittestjar li tissimula kemm jista' jkun possibbli l-kundizzjonijiet proprji tal-immuntar. Il-metodu li bih it-tank jitwaħħal fuq l-armatura għandu jikkorrispondi għall-ispeċifikazzjonijiet rilevanti għall-installazzjoni tiegħu. Fil-każ ta' tankijiet ddisinjati għal użu speċifiku ta' vettura, għandhom jiġu kkunsidrati l-partijiet tal-vettura li jipproteġu t-tank u l-aċċessorji tiegħu kontra l-espożizzjoni għal fjamma jew li jaffettwaw il-mod ta' kif jieħu n-nar bi kwalunkwe mod, kif ukoll komponenti speċifiċi installati fuq it-tank u t-tappijiet. Il-fetħiet kollha għandhom jinżammu magħluqin matul it-test, iżda s-sistemi ta' ventilazzjoni għandhom jibqgħu operattivi. Immedjatament qabel it-test it-tank għandu jimtela bil-fjuwil speċifikat sa 50 fil-mija tal-kapaċità tiegħu.

5.3. Il-fjamma li huwa espost għaliha t-tank għandha tinkiseb billi jinħaraq fjuwil kummerċjali għal magni b'injezzjoni pożittiva (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "fjuwil") f'reċipjent. Il-kwantità ta' fjuwil imferra fir-reċipjent għandha tkun biżżejjed sabiex il-fjamma, taħt kundizzjonijiet ta' ħruq liberu, tkompli taqbad matul il-proċedura kollha tat-test.

5.4. Id-dimensjonijiet tar-reċipjent għandhom jintagħżlu sabiex jiżguraw li l-ġnub tat-tank tal-fjuwil jiġu esposti għall-fjamma għalhekk ir-reċipjent għandu jeċċedi l-projezzjoni orizzontali tat-tank b'mill-anqas 20 cm, imma b'mhux aktar minn 50 cm. Il-ġnub tar-reċipjent ma għandhomx jipproġettaw iktar minn 8 cm 'l fuq mil-livell tal-fjuwil fil-bidu tat-test.

5.5. Ir-reċipjent mimli bil-fjuwil għandu jitqiegħed taħt it-tank b'tali mod li d-distanza bejn il-livell tal-fjuwil fir-reċipjent u l-qiegħ tat-tank tkun tikkorrispondi għall-għoli tad-disinn tat-tank fuq is-superfiċe tat-triq f'massa meta mhux mgħobbi (ara l-paragrafu 7.4). Ir-reċipjent, jew l-armatura tal-ittestjar, jew it-tnejn, għandhom ikunu jistgħu jiċċaqilqu b'mod liberu.

5.6. Matul il-fażi C tat-test, ir-reċipjent għandu jkun kopert minn skrin imqiegħed 3 cm ± 1 cm 'il fuq mil-livell tal-fjuwil.

L-iskrin għandu jkun ta' materjal refrattarju, kif previst fl-Appendiċi 2 m'għandux ikun hemm spazju bejn il-brikks u dawn għandhom ikunu appoġġati fuq ir-reċipjent tal-fjuwil f'mod li t-toqob fil-brikks ma jkunux ostakolati. It-tul u l-wisa' tal-qafas għandhom ikunu 2 cm sa 4 cm iżgħar mid-dimensjonijiet interni tar-reċipjent sabiex ikun hemm spazju ta' 1 cm sa 2 cm bejn il-qafas u l-ħajt tar-reċipjent biex jippermetti l-ventilazzjoni.

5.7. Meta t-testijiet jitwettqu barra, għandha tkun ipprovduta biżżejjed protezzjoni mir-riħ u l-veloċità tar-riħ fil-livell tar-reċipjent tal-fjuwil ma għandhiex tkun ta' aktar minn 2,5 km/siegħa. Qabel it-test l-iskrin għandu jissaħħan sa 308 K ± 5 K (35 °C ± 5 °C). Il-briks li jirreżistu n-nar jistgħu jixxarrbu sabiex ikunu garantiti l-istess kundizzjonijiet tat-test għal kull test suċċessiv.

5.8. It-test għandu jinkludi erba' fażijiet (ara l-Appendiċi 1).

5.8.1. Fażi A: Tiswin minn qabel (Grafika 1)

Il-fjuwil fir-reċipjent għandu jitqabbad f'distanza ta' mill-inqas 3 m mit-tank li jkun qed jiġi ttestjat. Wara 60 sekonda ta' tiswin minn qabel, ir-reċipjent għandu jitqiegħed taħt it-tank.

5.8.2. Fażi B: Esponiment dirett għall-fjamma (Grafika 2)

Għal 60 sekonda t-tank għandu jiġi espost għall-fjamma mill-fjuwil li jinħaraq liberament.

5.8.3. Fażi C: Esponiment indirett għall-fjamma (Grafika 3)

Malli titlesta l-fażi B, l-iskrin għandu jitqiegħed bejn ir-reċipjent li jkun qed jinħaraq u t-tank. It-tank għandu jiġi espost għal din il-fjamma ridotta għal 60 sekonda oħra.

5.8.4. Fażi D: Tmiem tat-test (Grafika 4)

Ir-reċipjent li jkun qed jinħaraq mgħotti bl-iskrin għandu jitressaq lura għall-pożizzjoni oriġinali tiegħu (il-Fażi A) jekk, fl-aħħar tat-test, it-tank ikun qed jinħaraq, in-nar għandu jiġi mitfi minnufih.

5.9. Ir-riżultati tat-test għandhom jitqiesu sodisfaċenti jekk l-ebda fjuwil likwidu ma jkun qed inixxi mit-tank.

6. REŻISTENZA GĦAL TEMPERATURA GĦOLJA

6.1. L-armatura użata għat-test għandha taqbel mal-mod tal-installazzjoni tat-tank fuq il-vettura, inkluż il-mod li bih jaħdem il-vent tat-tank.

6.2. It-tank mimli sa 50 fil-mija tal-kapaċità tiegħu bl-ilma f'temperatura ta' 293 K (20 °C) għandu jkun soġġett għal siegħa f'temperatura ambjentali ta' 368 K ± 2 K (95 °C ± 2 °C).

6.3. Ir-riżultati tat-test għandhom jitqiesu sodisfaċenti jekk, wara t-test, it-tank ma jkunx qed inixxi u ma jkunx deformat serjament.

7. MARKI FUQ IT-TANK TAL-FJUWIL


L-isem jew marka kummerċjali għandha titwaħħal mat-tank; għandha ma tkunx tista' titħassar u tinqara b'mod ċar fuq it-tank meta dan tal-aħħar jiġi installat fuq il-vettura.

Appendiċi 1

TEST TAR-REŻISTENZA GĦAN-NAR


Grafika 1

Fażi A: Tishin minn qabel




Grafika 2

Fażi B: Espożizzjoni diretta għall-fjamma




Grafika 3

Fażi C: Espożizzjoni indiretta għall-fjamma




Grafika 4

Fażi D: Tmiem tat-test



Appendiċi 2

DIMENSJONIJIET U DEJTA TEKNIKA TAL-BRIKKS REŻISTENTI GĦAN-NIRIEN



Reżistenza għan-nirien (Seger-Kegel)	SK 30
Kontenut ta' Al_2O_3	30 — 33 fil-mija
Porożità miftuħa (P_o)	20 — 22 fil-mija f'volum
Densità	1 900 — 2 000 kg/m³
Żona effettiva bit-toqob	44,18 fil-mija